# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2016

Appell Nru: 128/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Peter Axisa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Peter Axisa, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 804848M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghan-nom u in rapprezentanza ta' TA' QALI PRODUCERS GROUP u/jew bhala persuna registrata mad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, fis-7 ta' Mejju, 2013, gewwa hanut minghajr isem li jinsab fi, Triq il-Gandoffli, Bugibba, jew hu jew xi impjegat tieghu u/jew xi persuna

ohra li kienet qed tagixxi f'ismu, offra li jipprovdi servizz lill-persuna ohra u/jew espona ghall-bejgh oggetti waqt li kien sprovvist minn cash register fiskali u/jew kotba ta' ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mid-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Att ta' 1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXXIII tal-1998) u l-artikoli 51, 77 (o), 81 u 82 tal-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Marzu, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 55, 77(o), 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' disa' mitt ewro (€900).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Peter Axisa, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi mill-provi akkolti jemergi illi fis-7 ta' Mejju 2013, spetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) kienu ghamlu spezzjoni gewwa hanut li jbigh il-haxix gewwa Bugibba u hemm sabu illi ghalkemm il-hanut kien miftugh ghan-negozju ma kienx munit b'*cash register* u wisq anqas ricevuti fiskali manwali. Fil-post izda kien hemm *computer* li izda kien mitfi u inoperabbli peress illi l-printer tieghu kien ittiehed mill-appellant ghal-hanut iehor adoperat mill-istess Group li tieghu huwa rapprezentant;

2. L-appellant jargumenta illi l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija fuq dawn il-fatti wahidhom ghaliex il-hanut kien imwilli lill-terza persuna li ma kienetx impjegata tieghu u ghalhekk ma kienx responsabbli minn dak li kien qed jigri f'dak il-hanut u li r-responsabilita' mad-Dipartiment tal-VAT kienet taqa' fuq dik il-persuna. In-sostenn tal-argument tieghu, li kien ukoll maghmul quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant kien esebixxa kopja ta' skrittura li tinsab a fol 11 tal-atti processwali. Din l-iskrittura izda ma tistax titqies li hija xi forma ta' twillija ta' negozju, lokazzjoni ta' negozju jew fond gheri jew sullokazzjoni fejn Ta' Qali Producers Group jibqa' fil-kontroll totali ta' dan il-hanut minghajr ma l-prezunta inkwilina thallas xi forma ta' kumpens. L-ghan tal-ftehim in iskritt kien illi l-hanut tal-appellant jibqa' miftuh ghan-negozju bil-proposti kif maghmula minn Hanely u dan b'prova u bl-iskop li jirrendi n-negozju vijabbli mill-gdid. Hanley kienet marbuta li tbigh biss il-prodotti tal-appellant u bil-prezzijiet kif minnu stabiliti u fil-kwantitajiet minimu imposti u f'kaz li l-proposta ma tissarraf f'ebda success kellu d-diskrezzjoni assoluta li jaghlaq il-hanut temporanjament jew le;

3. Anton Theuma, spettur ghad-Dipartiment tal-VAT xehed illi meta saret l-ispezzjoni u rrizulta li ma kienx hemm forma ta' registrazzjoni ta' bejgh, min kien fil-hanut certu Colette Patricia Hanley qabditu telefonikament mal-appellant li rriferiet ghalih bhala l-

principal taghha. Jghid illi meta rrimarkalu li ma kienx hemm tali sistema l-appellant wiegbu illi kien halla *invoice book* fil-hanut u fuq hekk issenjalalu li dan ma kienx dak li trid il-ligi. Quddiem din il-Qorti, l-appellant ma cahadx din il-konversazzjoni u baqa' jinsisti fuq it-twillija tal-hanut u n-nuqqas ta' responsabilita' tieghu minn hemm 'l quddiem. Din il-Qorti ma kellhiex l-istess opportunita' li kellha l-ewwel Qorti li tisma hi stess lil Colette Hanley stante li l-appellant irrinunzja ghal din ix-xhud fl-istadju tal-appell.

4. Ezaminati l-atti minn din l-ottika, din il-Qorti tara illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha ghall-fatti kif imputati lill-appellant. Jirrizulta, izda, illi meta l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellant fi ksur tal-artikolu 77(o) tal-Kapitolu 406, indikat ukoll l-artikolu 55 tal-istess Kap meta dan huwa totalment estraneju ghall-fatt lilu imputat;

5. Ghal dawn il-motivi, tiddisdponi minn dan l-appell billi filwaqt illi thassar is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet htija fl-appellant fil-ksur tal-artikolu 55 tal-Kap 406, u konsegwentement tilliberah mill-htija dwar dak l-artikolu, u tikkonfermaha fil-bqija.